


Parroċċa Familja Mqaddsa - L-Iklin TELEFON: 21 423 003 EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org Nru 213 | Frar 2020

# Jikteb il-Kappillan

Din is-sena 2020 ġġib magħha żewġ anniversarji speċjali għall-Kommunita' Parrokkjali tal-Iklin.

Nhar id-19 ta' Marzu niċċelebraw ħmistax-il sena Parroċċa b'quddiesa solenni mmexxija mill-ET Mons Joe Galea Curmi, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta fis-6.00 pm. Imbagħad fis-16 ta' Ġunju 2020 nagħlqu għoxrin sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali u Ċentru anness magħha. Nilqgħu fostna lill-E T Mons Isqof Mario grech, Amministratur Apostoliku għal Għawdex u Pro Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet fil-Vatikan nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm waqt quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla.

Ta' dawn it-tappi importanti fl-istorja tagħna, rroddu ħajr il Alla.

Fil-bidu ta' kull sena nippreżenta rendikont tal-amministrazzjoni tiegħi bħala kappillan ta' din il-parroċċa. Kif dejjem ngħidu, din parroċċa li taħdem biss bil- ġenerożita ta' ħin, pariri, u donazzjonijiet ta' ħafna ħafna nies. Apparti l-operat ta' kuljum, is-Sena 2019 ġabet magħha dawn il-proġetti fil-Knisja u ċ-Ċentru Parrokkjali:

1. Siġġijiet ġodda bl-inġinokjaturi għall-Knisja Parrokkjali, li ġabu l-Knisja kapaċi żżomm fiha 290 persuna bilqegħda
2. Via Crucis ġdida
3. Mużajk ġdid fuq il-ġebla tal-qawwi għall-ħajt tal-Kappella tas-SS.Mu Sagrament

**INSEMMI WKOLL DIVERSI INIZJATTIVI PASTORALI LI SARU TUL DIN IS-SENA:**

1. Sar programm ta' formazzjoni għall-adulti – Hop on, hop off formation Wednesdays
2. Il-ġurnata tal-Ħamis saret ġurnata ta' Adorazzjoni tas-SS.Mu Sagrament
3. Lqajna fostna il-kwadru pellegrin tal-Madonna Ta' Pinu f'għeluq l-400 sena tal-kwadru oriġinali.
4. Il-parroċċa ċċaħdet mid-dħul tal-offertorju f'Jannar biex tgħin lil-Knisja Missjunarja fil-Libja mmexxija mill-Isqof George Bugeja u fis-sajf ħadna ħsieb lir-residenti vittmi tal-prostituzzjoni f'Dar Ħosea. Dawn inizjattivi li jogħġbu lil Alla. U l-Mulej iħallasna bil-mija fil-wieħed.

**MIL-LAT PRATTIKU:**

1. Sar ukoll electroplating, restawr u bbanjar bil-fidda tal-gandlieri tal-akkolti li jintużaw mill-abbatini f'okkażżjonijiet speċjali. Ukoll set impulluzzi ġodda għal festi.
2. Inxtraw Bibbji bl-Ingliż u bil-Malti biex jiġu wżati waqt il-Katekiżmu għat-tfal u laqgħat oħra.
3. Sponsorship ta'  Lego Club biex jgħin lil tfal bi bżonnijiet speċjali jtejjbu l-ħiliet soċjali tagħhom u nxtraw riżorsi ġodda speċjalizzati miġjuba mill-Ignatius Press l-Amerika għal katekeżi inklussiva ta' tfal bi bżonnijiet speċjali.
4. F'dan is-sajf ukoll sar xogħol ta' manutenzjoni, tibjid u tisbieħ f'diversi kmamar fiċ-Ċentru Parrokkjali u ġie mibdul airconditioner f'kamra minnhom li waqaf jaħdem

Għal din is-sena li ġejja qed nantiċipaw diversi proġetti ta' manutenzjoni essenzjali mal-estern tal-binja kollha fejn daħal jew hemm periklu li jidħol l-ilma. Huwa mixtieq li kull kamra tkun mgħammra bi dwal LED u li jsir tisbieħ tas-Sala Parrokkjali biex tkun aktar akkoljenti.

Nixtieq nirringrazzjakom ħafna tal-ġenerożita tagħkom biex id-Dar t'Alla fl-Iklin tinżamm kif jixraq u għat-tixrid tal-Vanġelu fil-parroċċa tagħna.

Is-sliem u l-ħajr
Fr Keith Bonnici **KAPPILLAN**

# TESTIJIET MEDIĊI B'XEJN

Nhar il-Ħadd 16 ta' Frar, il-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa ser torganizza Testijiet Mediċi b'xejn fiċ-Ċentru Parrokkjali.

# KALENDARJU TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL



**Il-Ħadd 2 ta' Frar 2020 - 11.15 am Jum il-Preżentazzjoni tal-Mulej.** Issir **Quddiesa** bil-purċissjoni u Preżentazzjoni tat-tfal ta' Sena 2 li se jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena. Il-quddiesa tkun għat-tfal u l-ġenituri kollha. Tanima l-klassi ta' Sena 2. (Kummissjoni Tfal). Importanti li tfal u ġenituri jkunu fil-Knisja fil-11.00 am.

**It-Tnejn, 3 ta' Frar - 4.30 pm – 5.15 pm - Pawlufest.** Esperjenza ċinematografika tan-*'Nawfraġju li salva lil Malta'*. Klassijiet ta' Sena 5, 6 u 7. (Kummissjoni Kateketika).

**Il-Ħamis, 6 ta' Frar - 4.30 pm – 5.15 pm - Pawlufest.** Esperjenza ċinematografika tan-*'Nawfraġju li salva lil Malta'*. Klassijiet ta' Sena 2, 3 u 4. (Kummissjoni Kateketika).

**It-Tnejn 10 ta' Frar - Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl.** Illum ma jsirx katekiżmu.

**L-Erbgħa 26 ta' Frar - Ras-ir-Randan – 6.15 pm -** Il-Quddiesa tal-Irmied bil-parteċipazzjoni tat-tfal u l-familji tagħhom. (Kummissjoni Tfal).

**Il-Ħadd 1 ta' Marzu 2020 9:45am - 12:00pm**
9:45am: **Seminar** għat-tfal kollha ta' Sena 5, 6 u 7 u l-ġenituri tagħhom. 11:15am: **Quddiesa** għat-tfal u l-ġenituri. Tanima l-klassi ta' Sena 5. (Kummissjoni Tfal).

# VESTIZZJONI TAL-ABBATINI

Nhar il-Ħadd 23 ta' Frar ser issir il-Vestizzjoni tal-Abbatini l-ġodda waqt il-quddiesa tal-11.15 am.

Nirringrazzjaw lill-Abbatini tas-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna. Kulħadd Mistieden.

# RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2019

| DĦUL | Ewro |
|---|---|
| Ġbir fil - Knisja | 45,508 |
| Ġbir mit - Tberik | 5,507 |
| Donazzjonijiet | 70,279 |
| Attivitajiet ta' 'Fund Raising' | 4,630 |
| Magħmudijiet, Żwigijiet u Funerali | 1,190 |
| Kotba tad - dutrina | 315 |
| Rent Of Premises | 1,500 |
| **Totali** | **128,929** |

| ĦRUĠ | | |
|---|---|---|
| Pedaġġi ta' Quddies u servizzi ohra | | 6,095 |
| Posta, telefon, ecc | | 1,576 |
| Dawl u ilma | | 3,482 |
| Jum Il - Mulej, Il- Flimkien, Kotba u 'stationery' | | 7,224 |
| Ostji, inbid, xema u fjuri | | 2,479 |
| Rigali, kumplimenti (abbatini, helpers, tfal tad-Duttrina, ecc) | | 2,653 |
| Attivitajiet Soċjali (parties tfal tad - Duttrina, Abbatini, Anzjani) | | 873 |
| Tiswijiet , tindif u manutenzjoni | | 8,973 |
| Donazzjonijiet | | 5,129 |
| Fondo Clero tal - Kurja | | 19,565 |
| Spejjes Amminstrattivi | | 995 |
| Infiq Kapitali: | Air Conditoners | 815 |
| | Siġġijiet (bilanċ) | 40,500 |
| | Kappella tas-Sagrament | 5,170 |
| | Għamara,etc | 675 |
| | Via Sagra | 12,390 |
| **Total** | | **118,594** |

| | |
|---|---|
| **BILANĊ** | **10,335** |

# KALENDARJU LITURĠIKU GĦAL FRAR

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 2 | Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej – Jum il-Ħajja Konsagrata<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am, u fis-6.00pm |
| Il-Ħadd 9 | Il-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am, u fis-6.00pm u fit-7.45 pm |
| It-Tnejn 10 | Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl – Festa Kmandata<br>Quddies: Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am, u fis-6.00pm |
| Il-Ġimgħa 14 | Festa ta' San Ċirillu, raħeb u San Metodju, Isqof, Patrun tal-Ewropa<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |
| Il-Ħadd 16 | Is-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am, u fis-6.00pm |
| Is-Sibt 22 | Festa tal-Kattedra ta' San Pietru, Appostlu<br>Quddies: 6.45, 8.30am u fis-6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 23 | Is-seba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am, u fis-6.00pm |
| L-Erbgħa 26 | L-Erbgħa tal-Irmied – Jum ta' sawm u astinenza<br>Quddies bit-tqegħid u tberik tal-irmied fis-6.45 am u 6.15 pm. |

MILL-PROGRAMM TAL-FORMAZZJONI TAL-ADULTI

## Kors għal Kulħadd – Mulej, Agħllimna Nitolbu (II)

L-Erbgħat 5, 12 u 19 ta' Frar 2020 minn 6.40 pm sa 7.30 pm.
Dun Jimmy Bonnici jitkellem dwar stili diversi ta' talb u kif wieħed jista' jitlob b'mod prattiku fil-ħajja ta' kuljum.

**JANIMA: DUN JIMMY BONNICI**

Imwieled il-Mosta fl-1972, ġie ordnat saċerdot f'Ġunju tal-1998. Fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu huwa ġie mibgħut jistudja Ruma ġewwa l-Universita' Pontificja Gregorjana. Lura Malta Dun Jimmy ġie maħtur Rettur tas-Seminarju Arciveskovili ġewwa tal-Virtu r-Rabat. Fil-preżent huwa jmexxi l-Istitut tal-Formazzjoni Pastorali fi ħdan l-Arcidjoċesi ta' Malta. Huwa jaqdi wkoll l-ministeru tiegħu fiż-żona ta' Sant' Anna ġewwa ż-Żebbiegħ.



Dan il-kors huwa maħsub għal kulħadd partikularment l-abbatini, sagristani, l-animaturi tal-Liturġija, ministri tat-Tqarbin, Letturi u Kummissjoni Liturġija Parrokkjali.